**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Frar 2019**

**Rikors Numru : 392/2018 JPG**

**Kawza Numru : 12**

**AF**

**Vs**

**CF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AF, datat 4 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fid-disgha (9) t'April tas-sena elfejn u hamsa (2005) kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A. Illi minn dan iz-zwieg ma kellhom l-ebda tfal.*

*Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz tal-kuntratt redatt minn Nutar Dottor Nicholas Vella li gie ppubblikat fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) liema kopja hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok B. Illi ghalhekk ir-rikorrenti huwa l-fuq minn erba' snin isseparat minn ma' l-intimata;*

*Illi l-partijiet iddekadew it-tnejn li huma mill-obbligu tal-manteniment u dan kif huwa senjalat fil-klawzola numru tlieta (3) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk ma hemm l-ebda manteniment jew pendenzi*

*dovuti lil xi parti.*

*Illi l-partijiet prezentament jghixu l-boghod minn xulxin u r-rikorrenti ma jridx jirrikoncilja maghha u ghaldaqstant ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok C.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku."*

Rat ir-risposta ta' CF, datata 13 ta' Novembru 2018, a fol 16 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti mhix qieghda topponi ghat-talba tad-divorzju kemm minhabba l-fatt li ma hemmx tfal, kemm minhabba l-fatt li ma hemmx assi u gja hemm separazzjoni l-fuq minn erba' snin;*

2. *Illi l-esponenti tixtieq li tiehu kuljum xbubitha li kien Z.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

**Ikkonsidrat:**

**AF** xehed permezz t'affidavit a fol 11, u *viva voce* a fol 18 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' April 2005 (Vide Dok A a fol 3) u kienu ottjenew separazzjoni fit-13 ta' Marzu 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali (Vide Dok B a fol 4 et seqq.) Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**CF** xehdet a fol 22 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
> ***[...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
***[...]***

Jirrizulta pprovat skond il-ligi illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Marzu 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u wkoll tawtorizza lil CF sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe Z u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**